**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 269/2010**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Norbert Ciappara)**

**vs**

**Kevin Brincat**
**(ID 422775 (M))**

**Illum: 30 ta' Novembru 2020**

Il-Qorti,

Rat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, l-imputat **Kevin Brincat** jinsab akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, fl-4 ta' Marzu 2009 u matul ix-xahar ta' qabel din id-data:

1) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina, liema droga nstabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu; u

2) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina.

Rat it-talba tad-difiża magħmulha minnha fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2019, li permezz tagħha talbet lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u illi tressaq il-provi sabiex turi li r-rekwiżiti meħtiega ai termini ta' l-Artikolu 8(2) tal-istess Kap. 537 huma sodisfatti[1];

[1] Ara a fol. 82 tal-proċess.

Rat ukoll id-digriet tagħha tal-istess jum li permezz tiegħu laqgħet din l-aħħar talba tad-difiża sabiex tressaq il-provi msemmija;

Semgħet ix-xhieda prodotta mid-difiża dwar it-talba tagħha u rat ukoll l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti;

Rat illi l-partijiet irrimettew ruħhom għad-deċiżjoni tal-Qorti dwar din it-talba tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'dan il-każ, kif ingħad, l-imputat qed jiġi akkużat bil-pussess aggravat tad-droga eroina u bil-pussess sempliċi tad-droga kokaina, riferibbilment għall-jum tal-4 ta' Marzu 2009 u x-xahar ta' qabel, u dan wara li skont it-teżi tal-Prosekuzzjoni, fuq skorta ta' informazzjoni li kellha, l-imputat instab Bieb il-Belt, f'Diana Kiosk u minn tfittxija li saret, instab illi kien fil-pussess ta' pakkett tas-sigaretti li fih kien hemm qratas kontenenti trab ta' lewn kannella, suspettat eroina.

Illi in sostenn tat-talba tagħha u b'mod partikolari għal dak li jiddisponi l-Artikolu 8(2) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, id-difiża ressqet numru ta' xhieda.

Mix-xhieda ta' **Dr. Anna Maria Vella**, in rappreżentantza taċ-Ċentru tad-*Detox* jirriżulta illi l-imputat mar l-ewwel darba fl-istess Ċentru fis-sena 1993, u minn dak iż-żmien, huwa baqa' jattendi b'mod regolari. Fis-sena 1993, meta l-imputat kien għadu minuri, huwa diġa` kellu problema tal-eroina u tal-kokaina. Kampjuni tal-urina li ttieħdu lill-imputat mis-sena 1993 sa Marzu 2019, dejjem irriżultaw pożittivi għall-*opiates*. Minn Ġunju tas-sena 2019 'il quddiem, huwa ħalla kampjuni tal-urina b'mod regolari, liema kampjuni bdew jirriżultaw fin-negattiv għal sustanzi illeċiti u fiż-żmien tax-xhieda tagħha, f'Jannar 2020, huwa kien qiegħed jieħu biss *methadone*. Żiedet tgħid illi fis-sena 2009, hija rat lill-imputat fix-xhur ta' Frar, Marzu, Mejju u Lulju u matul dawn ix-xhur, l-imputat irriżulta li kien pożittiv għall-eroina, għall-kokaina u għall-alkolhol. Min-notamenti tax-xhud, irriżulta illi fit-30 ta' Marzu 2009, l-imputat kien "*using heavily both heroine and cocaine, not sleeping, no job*."[2] Fl-istess żmien l-imputat kien qiegħed ukoll jieħu l-*methadone*. Jirriżulta wkoll illi lura fis-sena 1993, l-imputat kien beda programm ta' rijabilitazzjoni, iżda ma tantx għamel progress. Żiedet tgħid illi fis-sena 2008, huwa kien juża żewġ pakketti jew tliet pakketti droga kuljum, bil-labra u kien jgħix ħajja kaotika. Ma kienx jirnexxilu jżomm impjieg. Minn Ġunju tas-sena 2019 'il quddiem l-imputat baqa' jirriżulta *clean*. Dr. Anna Maria Vella xehdet ukoll illi għalkemm l-imputat għadu qiegħed jieħu l-

[2] Ara a fol. 87 tal-proċess.

*methadone* u m'għamilx programm ta' rijabilitazzjoni, huwa sab xogħol li għenu sabiex jagħmel progress u jżomm 'il bogħod mid-droga.[3]

Xehdet ukoll **Mary Rose Farrugia**, Uffiċjal tal-*Probation*, li tgħid illi b'ordni tal-Qorti, f'Lulju 2009, hija nħatret sabiex tirrediġi *Social Inquiry Report* fil-konfront tal-imputat, liema rapport ġie ppreżentat f'Mejju 2011. Kien f'dan iż-żmien li hija segwiet lilll-imputat odjern. Spjegat illi matul l-istess żmien, l-imputat kien qiegħed il-ħabs, fejn l-imġieba tiegħu kienet tajba u kienu ħadmu sabiex jibda jsegwi l-programm ġewwa SATU, kif fil-fatt għamel. Tgħid ukoll illi dak iż-żmien, il-problema tal-imputat kienet id-droga eroina. Skont ix-xhud, l-imputat kien għamel progress ġewwa l-programm. Iżżid tgħid ukoll illi l-imputat kien imur tajjeb la darba jkun fi struttura, iżda kien jerġa' jibda bil-problemi meta joħroġ minn dik l-istruttura. Sakemm hija segwiet lill-imputat, huwa kien għadu l-ħabs u hemmhekk kien sejjer tajjeb.[4]

**George Pace**, *Technical Officer* ġewwa l-Wasteserv, jixhed illi fis-sena 2017 l-imputat beda jaħdem bħala *cleaner* mal-istess kumpanija u dejjem kellu mġieba tajba.[5]

Mix-xhieda ta' **Noel Cassar**, in rappreżentanza tal-Aġenzija Caritas, jirriżulta illi l-ewwel darba li l-imputat talab l-għajnuna tal-Aġenzija kien fl-10 ta' April 2007 u f'Diċembru 2007 (fil-fatt mid-dokument esebit mix-xhud jirriżulta illi dan seħħ f'Ġunju 2007) huwa beda jattendi l-*Prison Inmates Programme*. Imbagħad, fis-sena 2008, wara l-programm l-imputat reġa' qabad il-vizzju tad-droga u reġa' fittex l-għajnuna ġewwa l-Caritas. Fis-sena 2009, l-imputat reġa' talab li jibda l-*Prison Inmates Programme*, iżda dan ma seħħx. L-imputat kellu żewġ appuntamenti, wieħed fis-27 ta' Diċembru 2010 u ieħor fit-3 ta' Jannar 2011, iżda baqa' ma attendiex għalihom.[6]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fid-dawl tax-xhieda ta' Dr. Anna Maria Vella b'mod partikolari, huwa evidenti illi saż-żmien tal-każ odjern, l-imputat diġa` kellu storja twila ta' użu tad-droga li tmur lura sas-sena 1993. F'dan iż-żmien huwa kien diġa` jagħmel użu mill-eroina u mill-kokaina. Fl-aħħar ta' Marzu 2009, imbagħad, u għalhekk ferm viċin tad-data li għaliha jirreferi l-każ odjern, jirriżulta illi l-imputat kien qed juża l-eroina u l-kokaina, fi kliem ix-xhud "*heavily*" u kien qed jgħix ħajja kaotika, kif kien ukoll il-każ fis-sena 2008, f'liema żmien, skont ix-xhud, huwa kien jikkonsma bejn żewġ jew tliet pakketti eroina kuljum bil-labra. Din ix-

[3] Ara din ix-xhieda a fol. 85 sa 90 tal-proċess.
[4] Ara din ix-xhieda a fol. 91 sa 94 tal-proċess.
[5] Ara a fol. 95 sa 97 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 98 sa 103 tal-proċess.

xhieda hija korroborata mix-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* u tar-rappreżentant tal-Aġenzija Caritas, mil-liema jirriżulta illi fis-sena 2009, u allura ftit xhur wara li seħħ il-każ odjern, meta l-imputat kien il-ħabs, huwa beda programm sabiex jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga, kif ukoll illi wara li ħareġ mill-programm fis-sena 2007, huwa reġa' waqa' fil-vizzju tad-droga, tant illi fis-sena 2008, huwa reġa' fittex l-għajnuna tal-Aġenzija Caritas. Il-Qorti tqis ukoll f'dan il-kuntest illi ż-żmien li matulu l-imputat baqa' jabbuża mid-droga, ossia sa Ġunju 2019, ukoll jagħti indikazzjoni ċara tas-severita` tal-problema tad-droga li kellu l-imputat odjern u dan minkejja li matul dan iż-żmien, l-attendenza tiegħu ġewwa ċ-Ċentru tad-*Detox* kienet waħda regolari u minkejja wkoll illi fittex u ottjena l-għajnuna ta' professjonisti fil-qasam u anke daħal fi programmi kontra l-vizzju tad-droga iżjed minn darba.

Il-Qorti tqis ukoll illi l-fedina penali tal-imputat ukoll tikkorobora l-kuntatt tal-imputat mad-droga fuq perjodu twil ta' żmien. Jirriżulta mill-istess fedina penali, fil-fatt, illi l-imputat instab ħati tar-reat ta' pussess tad-droga eroina f'diversi okkażjonijiet u dan b'referenza għal Diċembru 1992, Novembru 1996, Awwissu 1998, Awwissu 2002, Jannar 2003 u s-sena ta' qabel (inkluż ukoll hawnhekk ta' pussess tad-droga kokaina) u ta' pussess tad-droga kokaina f'Diċembru 2008.

Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost, il-Qorti jidhrilha illi jirriżulta sodisfaċentement ippruvat illi fiż-żmien tal-każ odjern, l-imputat kien dipendenti fuq id-droga, kif ukoll, tenut kont taċ-ċirkostanzi li qed jiġu allegati mill-Prosekuzzjoni fil-każ odjern u fid-dawl ukoll tan-natura tal-imputazzjonijiet odjerni, illi r-reati li bihom l-imputat qed jiġi mixli f'dawn il-proċeduri, huma sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza tal-imputat fuq id-droga.

Il-Qorti tikkunsidra wkoll fid-dawl tal-provi prodotti illi r-rekwiżiti li trid il-liġi fl-Artikolu 8(2)(ċ) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta huma wkoll sodisfatti u dan stante illi mix-xhieda ta' Dr. Anna Maria Vella, jirriżulta illi l-imputat għamel mhux biss sforz, iżda wkoll progress sostanzjali sabiex jeħles mill-vizzju tad-droga. Fil-fatt skont ix-xhieda ta' Dr. Vella, fiż-żmien tax-xhieda tagħha f'Jannar 2020, l-imputat kien ilu ħieles mid-droga għal seba' xhur. Mhux biss, iżda jidher ukoll illi rnexxielu jżomm impjieg regolari u l-imġieba tiegħu fuq il-post tax-xogħol kienet waħda tajba.

Tqis ukoll finalment illi m'hemm xejn fil-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta li jeskludi l-applikabilita` tal-Artikolu 8 tal-istess Kapitolu fil-każ odjern.

**Konklużjoni**

Tenut kont ta' dan kollu, f'dan l-istadju l-Qorti tinsab sodisfatta illi l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8(1) u (2) tal-Kap. 537 jissussistu u

għaldaqstant qed tilqa' t-talba tal-imputat **Kevin Brincat** u qed tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement qegħda tirreferi lill-istess imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu.

Tordna komunika ta' dan id-digriet lill-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat